31968R0827

L 151/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.6.1968

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 827/68

tat-28 Ġunju 1968

dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'ċerti prodotti elenkati fl-Anness II għat-Trattat

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 42 u 43 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi organizzazzjoni komuni tas-suq, li tinvolvi sistema speċjali ta' regoli ġiet stabbilita jew dalwaqt għandha tiġi stabbilita għal ħafna mill-prodotti elenkati fl-Anness II tat-Trattat; billi dispożizzjonijiet approprjati għandhom ukoll jiġu adottati, fil-kwadru ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq, sabiex jippermettu l-istabbiliment ta' suq wieħed għall-prodotti l-oħrajn kollha elenkati f'dak l-Anness;

Billi l-istabbiliment ta' dan is-suq wieħed jinvolvi l-introduzzjoni ta' sistema waħda ta' negozju fil-fruntieri esterni tal-Komunità; billi l-essenza ta' din is-sistema tista' tiġi espressa bħala l-applikazzjoni integrali tat-Tariffa Doganali Komuni u l-liberalizzazzjoni tan-negozju;

Billi, madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-protezzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tat-Tariffa Doganali Komuni tista' tirriżulta difettuża; billi, f'dawn il-każijiet, sabiex is-suq tal-Komunità ma' jitħalliex mingħajr difiża kontra disturbi li jistgħu jinħolqu minnhom wara li l-barrieri ta' l-importazzjoni li jkunu eżistew qabel ikunu ġew aboliti, il-Komunità għandha tkun tista' tieħu l-miżuri kollha neċessarji mingħajr dewmien;

Billi l-istabbiliment ta' suq wieħed għall-prodotti kollha in kwistjoni jinvolvi t-tneħħija fil-fruntieri interni tal-Komunità ta' l-ostakoli kollha għall-moviment ħieles ta' dawn l-oġġetti;

Billi l-istabbiliment ta' dan is-suq wieħed jista' jiġi pperikolat bl-għoti ta' ċerti għajnuniet; billi, għalhekk, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jippermettu l-istima ta' għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri u l-projbizzjoni ta' dawk li huma inkompatibbli mas-suq komuni, għandhom jiġu applikati għall-prodotti koperti b'dan ir-Regolament;

Billi, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri proporti, għandha tiġi provduta proċedura biex tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Amministrattiv;

Billi t-transizzjoni mis-sistema fis-seħħ fl-Istati Membri għal dik stabbilita b'dan ir-Regolament għandha ssir bl-aktar mod lixx possibli; billi, għal dak l-iskop, miżuri transitorji jistgħu jkunu neċessarji;

Billi l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti koperti b'dan ir-Regolament għandha fl-istess ħin, tieħu kont approprjat, tal-miri indikati fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-organizzazjoni komuni tas-suq stabbilita b' dan ir-Regolament għandha tkopri l-prodotti elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

1. It-Tariffa Doganali Komuni għandha tapplika mill-1 Lulju 1968, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

2. Ħlief kif provdut xort' oħra f'dan ir-Regolament u salv derogi deċiżi mill-Kunsill waqt li jaġixxi skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummissjoni, u soġġett għall-obbligi li jirriżultaw minn ftehim internazzjonali fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness, dan li ġej għandu jiġi pprojbit fin-negozju ma' pajjiżi terzi:

— l-imposta ta' kull piż li jkollu effett ekwivalenti għal dazju doganali, u

— l-applikazzjoni ta' kull restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha effett ekwivalenti, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Artikolu 3

1. Jekk minħabba importazzjoni jew esportazzjoni s-suq fil-Komunità għal prodott wieħed jew aktar elenkati fl-Anness ikollu jew jiġi mhedded b'disturbi serji li jistgħu jipperikolaw il-miri stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri approprjati jistgħu jiġu applikati fin-negozju ma' pajjiżi terzi sakemm dan id-disturb jew dan it-theddid ta' disturb jieqaf.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura tal-votazzjoni msemmija fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta regoli dettaljali għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi l-każijiet u l-limiti li fihom Stati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 isseħħ, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, tiddeċidi dwar il-miżuri neċessarji; il-miżuri għandhom jiġu kkominikati lill-Istati Membri u għandhom jiġu applikati immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tiddeċiedi fuq din it-talba fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta tkun irċevietha.

3. Il-Miżuri li tkun ħadet deċiżjoni fuqhom il-Kummissjoni jistgħu jiġu riferuti lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien tlett ijiem utli wara l-jum li fih kienu kkomunikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Huwa jista' jemenda jew jħassar il-miżuri in kwistjoni skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat.

Artikolu 4

1. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit fin-negozju intern tal-Komunità:

— l-imposta ta' kull dazju doganali jew piż li jkollu effett ekwivalenti;

— kull restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha effett ekwivalenti, salvi d-disposizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-Gran Dukat tal-Lussemburgu;

— rikors għall-Artikolu 44 tat-Trattat.

2. Il-merkanzija msemmija fl-Anness li hija fabbrikata jew derivata minn prodotti li mhumiex fis-sitwazzjoni speċifikata fl-Artikolu 9 (2) u fl-Artikolu 10 (1) tat-Trattat m'għandhiex tiġi ammessa għal ċirkolazzjoni libera fil-Komunità.

Artikolu 5

L-Artikoli 92, 93 u 94 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-produzzjoni ta' u negozju fil-prodotti elenkati fl-Anness.

Artikolu 6

Meta ssir referenza għall-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 120/67/KEE [1] tat-13 Ġunju 1967 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq taċ-ċereali, jew kull proċedura simili oħra stabbilita f'Regolamenti oħrajn dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti agrikoli, għandha tapplika. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jaħtar Kumitat Amministrattiv għal kull prodott.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu japplika b'mod li jittieħed kont approprjat, fl-istess ħin, tal-miri stabbiliti fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet Komunitarji adottati jew li għandhom jiġu adottati bl-iskop li jarmonizzaw il-liġijiet, ir-regolamenti u l-azzjoni amministrattiva ta' Stati Membri li l-iskop tagħhom hu li jżommu jew itejbu l-livell tekniku jew ġenetiku tal-produzzjoni ta' ċerti prodotti elenkati fl-Anness u intiżi speċifikament għar-riproduzzjoni.

Artikolu 9

Fil-każ li jkunu neċessarji miżuri transitorji sabiex jiffaċilitaw it-transizzjoni mis-sistema fis-seħħ fl-Istati Membri għall-dik ta' dan ir-Regolament, partikolarment jekk l-introduzzjoni ta' din is-sistema fid-data prevista tkun tikkawża diffikultajiet sostanzjali fir-rigward ta' ċerti prodotti, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6. Għandhom ikunu applikabbli sa mhux iktar tard mit-30 Ġunju 1969.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 Lulju 1968.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applibbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 Ġunju 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

E. FAURE

[1] ĠU Nru 117, 19.6.1967, p. 2269/67.

ANNESS

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni tal-merkanzija
Ex 01.01	Żwiemel, ħmir, bgħula, bgħula taż-żwiemel, ħajjin, barra żwiemel għall-qatla
01.02	Annimali ħajja ta' l-ispeċi bovina,
	A. Speċi domestika
	I. Annimali tar-razza pura [a]
	B. Oħrajn
01.03	Majjali ħajjin
	A. Speċi domestika
	I. Annimali tar-razza pura [a]
	B. Oħrajn
01.04	Nagħaġ u mogħoż ħajjin
	A. Speċi domestika:
	I. Nagħaġ
	(a) annimali tar-razza pura [a]
	II. Mogħoż:
	B. Oħrajn
01.06	Annimali oħrajn ħajjin
02.01	Laħam u interjuri li jittieklu ta' l-annimali li jidħlu fl-intestaturi Nri 01.01 sa 01.04, friski, imkessħa jew iffriżati
	A. Laħam
	ex I. Tal-ħmir, tal-bgħula u bgħula taż-żwiemel
	II. Ta' annimali bovini:
	(b) Oħrajn
	III. Tal-Majjal:
	(b) Oħrajn
	ex IV. Oħrajn, ħlief muntun u ħaruf:
	B. Interjuri:
	I. Taż-żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula taż-żwiemel
	ex II. Ta' annimali bovini u majjali, barra milli domestiċi
	ex III. Oħrajn, barra l-interjuri tan-nagħaġ, li mhux intiżi għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni tal-merkanzija
02.04	Laħam ieħor u interjuri li jittieklu oħra friski, imkessħa u ffriżati
02.06	Laħam u interjuri li jittieklu (ħlief fwied tat-tjur) immellaħ, fis-salmura, imnixxef, jew iffumigat:
	C. Oħrajn
	ex II. Oħrajn ħlief laħam u interjuri tan-nagħaġ domestiċi
04.05	Bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd frisk, imnixxef, jew ippreservat mod ieħor kemm jekk mogħti z-zokkor u kemm jekk le
	A. Bajd fil-qoxra, frisk jew ippreservat.
	II. Bajd ieħor
	B. Bajd mhux fil-qoxra; isfar tal-bajd:
	II. Oħrajn
05.04	Imsaren, vexxiki, u stonku ta' annimali (barra minn ħut) sħaħ, jew biċċiet minnhom
ex 05.15 B	Prodotti mill-annimali mhux speċifikati jew inklużi band' oħra; Annimali mejta tal-Kapitolu I mhumiex tajba għall-ikel mill-bniedem
ex 07.05	Legumi imnixxfa, mingħajr fosdqa, kemm jekk imqaxxra jew maqsuma u kemm jekk le, ħlief dawk intiżi għaż-żrigħ. *Artichokes* u prodotti simili b'kontenut għoli ta' inulina, patata ħelwa,
ex 07.06	imnixxfa jew imfella u l-ilbieba tas-*sago*.
ex 08.01	Tamal, mango, mangostana, avokado, gwava, ġewż ta' l-Indi, ġewż tal-Brażil, ġewż ta' l-anakardju, friski jew imnixxfa, imqaxxra jew le
ex Kapitolu 9	Té u ħwawar barra l-maté
11.03	Dqiq tal-legumi li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 07.05
11.04	Dqiq mill-frottijiet li jaqgħu taħt l-intestatura fil-Kapitolu 8
11.08 B	Inulina
12.07	Pjanti u partijiet ta' siġar, sgajjar, arbuxxelli jew pjanti oħra (inklużi żrieragħ u frott) bħala merkanzija tat-tip li tintuża l-iktar għall-fwejjaħ fil-farmaċija jew inkella għall-insettiċidi funġiċidi jew skopijiet simili, friski jew imnixxfa, sħaħ, maqsuma, magħsura, miṫuna jew magħmula trab
12.08	Ħarrub frisk jew imnixxef kemm jekk imqatta' biċċiet żgħar kemm jekk miṫun iżda mhux ippreparat iktar; L-Għadma tal-frott u prodotti oħrajn veġetali tat-tip użat primarjament għall-ikel u li ma jaqa' taħt l-ebda intestatura oħra.
12.09	Tiben taċ-ċereali, fosdqiet mhux ippreparati jew imqatta' iżda mhux ippreparati iktar.
ex 12.10	Nevew, nevew isfar, u għeruq ta' l-għalf; ħuxlief, nifel barri, silla, sainfoin, kaboċċi ta' l-għalf, lupini, ġulbiena u prodotti simili ta' l-għalf ħlief dqiq mill-għalf aħdar deidrat.
ex 15.02	Xaħam ta' dam inkluż il-*jus premier* prodott mix-xaħam tal-mogħoż
15.03	Stearina tas-sonża, stearina taż-żejt u stearina tax-xaħam ta' dam; żejt mis-sonża, żejt miż-żejt, u żejt mix-xaħam ta' dam, mhux emulsifikat jew imħawwad jew ippreparat b'xi mod.

Intestatura TDK Nru	Deskrizzjoni tal-merkanzija
ex 16.01	Zalzett u simili, tal-laħam, ta' l-interjuri tal-laħam jew tad-demm ta' l-annimali, ħlief dak li jkun fih laħam jew interjuri tal-majjal, ta' l-annimali bovini jew tan-nagħaġ
ex 16.02	Laħam ippreparat jew ippreservat kif ukoll interjuri oħrajn
	ex A. Tal-fwied, barra minn dak tal-majjal, ta' l-annimali bovini u tan-nagħaġ
	ex B. Oħrajn ħlief dawk li fihom laħam u interjuri ta' tjur domestiċi, majjali, annimali bovini jew nagħaġ
16.03	Estratti tal-laħam u meraq tal-laħam
18.01	Fażola tal-kawkaw, sħaħ jew miksura, nejja jew inkaljati
18.02	Qxur, fosdqiet, rita u skart tal-kawkaw
22.07	Xorb ieħor iffermentat (per eżempju ċidru, *perry*, u *mead*)
23.01 A	Dqiq u għalf ta' laħam u interjuri; mhux tajjeb għall-ikel tal-bniedem
ex 23.02	Granza, taqxir u fdal ieħor mill-għarbiel, mit-tħin, jew mill-ħdim ta' legumi
ex 23.03	Naqal u skart ieħor, mill-fabbrikazzjoni tal-birra u mid-distillazzjoni; Fdal tal-fabbrikazjoni ta' lamtu u fdal ieħor.
23.06	Prodotti ta' oriġini veġetali tat-tip użat għall-ikel ta' l-annimali li mhux speċifikat jew inkluż band' oħra.
	ex A. Ġandar, qastan ta' l-Indja, fdal ta' l-għasir tal-frott ħlief dak ta' l-għeneb.
	ex B. Oħrajn
23.07	Għalf mogħti z-zokkor; preparati ta' tip uża għall-għalf ta' l-annimali
	A. A Solubili mill-ħut jew mill-balieni
	ex B. Oħrajn, ħlief prodotti li fihom il-glukosju jew xiropp tal-glukosju li jaqgħu taħt is-subintestaturi 17.02 B u 17.05 B u prodotti li fihom il-lamtu (amidon) jew prodotti tal-ħalib [1]

(a) Inkluæjoni f'din is-subintestatura hija soġġetta għal kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.
[1] Għall-iskop ta' l-intetstatura ex 23.07 B "prodotti tal-halib" tfisser il-prodotti li jaqgħu taht l-intestaturi 04.01, 04.02, 04.03, 04.04 u s-subintestaturi 17.02 A u 17.05 A